MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Rikors Numru. 116/2006

**Il-Qorti:-**

Rat illi r-rikorrent Edmond Mugliette pprezenta rikors fir-registru ta’ din il-Qorti nhar il-5 ta’ April 2006 fejn espona s-segwenti:-

1. Illi huwa gie notifikat fid-29 ta’ Marzu 2006 b’ittra ufficcjali prezentata nhar it-18 ta’ Settembru 2003, u affidavit anness, mill-Kontrollur tad-Dwana fejn halef illi r-rikorrent huwa debitur tal-Gvern ta’ Malta fis-somma ta’ LM285.58, bhala hlas tas-servizzi t’attendenza ta’ ufficcjali tad-dwana moghtija lir-rikorrent f’Settembru 2001, liema ittra ufficcjali harget taht il-kappa tal-procedura specjali tal-artikolu 466 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili.

2. Illi permezz tal-prezenti rikors, ir-rikorrenti qieghed jikkontesta l-fondezza tal-allegat debitu kif huwa kontemplat fis-sub-inciz (2) tal-istess artikolu 466;

3. Illi l-azzjoni hija preskritta skond l-artikolu 2148(e) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, biz-zmien ta' sentejn, u l-ittra ufficcjali tal-Kontrollur tad-Dwana prezentata qabel l-iskadenza tas-sentejn preskrizzjoni ma gietx notifikata lir-rikorrenti fit-terminu rikjest ta' 30 gurnata skond l-Artikolu 2130 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, b'rizultat illi ma kienx hemm att gudizzjarju li interrompiet din il-preskrizzjoni.

4. Illi r-rikorrent mhux debitur tal-Kontrollur tad-Dwana.

Ghaldaqstant, r-rikorrenti, waqt li irriserva d-dritt illi jikkontesta l-veracita u l-fondezza tal-allegat debitu ghar-ragunijiet ulterjuri minn dawk fuq esposti, wara li ssir r-risposta tal-intimat ghal dan ir-rikors, u waqt is-seduta li imbaghad tigi iffissata ghas-smiegh tar-rikors, qieghed jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi d-debitu reklamat mill-Kontrollur tad-Dwana skond l-Artikolu 466 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili fl-ittra ufficcjali tieghu fuq indikata, huwa infondat.

Bl-ispejjez kontra l-istess Kontrollur tad-Dwana, li jibqa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimat Kontrollur tad-Dwana (a fol. 26 tal-process) datata 18 ta' April 2006 fejn espona s-segwenti:

Illi l-unika bazi ghall-kontestazzjoni li qed iressaq ir-rikorrent ghal din l-ittra ufficcjali ezekuttiva hija l-preskrizzjoni tas-sentejn ai termini tal-artikolu 2148(e) tal-Kap 12.

Illi l-esponent qed jipprezumi li r-rikorrent ried jirreferi ghall-Kodici Civili Kap 16 mhux ghall-Kap 12, peress li l-preskrizzjoni hja regolata fil-Kap 16.

Illi l-intimat qed jipprezumi wkoll li r-rikorrent ried jirreferi ghall-artikolu 2149(e) tal-Kap 16 peress li l-artikolu 2148 mhux applikabbli ghall-kaz u ma jirregolax il-preskrizzjoni tas-sentejn.

Illi wara li qal dan, l-intimat issottometta ukoll li l-preskrizzjoni applikabbli ghall-hlas ta’ servizz t’attendenza t’Ufficcjali tad-Dwana hija hames snin ai termini ta’ l-artikolu 2157(f) tal-Kap 16, u dan anke skond gurisprudenza tal-Qrati taghna.

Illi ghalhekk, anke kieku ma ntbaghtet l-ebda ittra ufficjali mill-esponent lir-rikorrent, l-ammont ghadu mhux preskritt peress li s-servizz inghata f’Settembru 2001. Izda fil-fatt kienet pprezentata ukoll ittra ufficcjali fit-18 ta’ Settembru 2003, liema ittra hadet tul ta’ zmien biex kienet notifikata peress li r-rikorrent ma setax jinstab.

Illi l-esponent jissottometti ukoll li l-perijodu ta’ tletin jum imsemmi fl-artikolu 2130 beda jiddekorri mill-gheluq tat-terminu prekrittiv u mhux qabel u ghalhekk f’dan il-kaz ghadu lanqas biss beda jiddekorri.

Illi l-ammont hu dovut mir-rikorrent lill-esponent fl-intier tieghu.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet rikorrenti u tikkonferma l-ittra ufficcjali fl-effetti taghha, bl-ispejjes kontra r-rikorrent, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficcjali tat-18 ta’ Settembru 2003.

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat 26 ta’ April 2006 fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-21 ta’ Gunu 2006 u dan wara li kienet rat ir-risposta u ordnat notifika ta’ dan l-appuntament lill-intimat.

Illi fis-seduta tat-8 ta’ Novembru 2006 deher ir-rikorrenti illi ddikjara li bi zvista huwa ndika l-artikolu 2148(e) tal-Kap 12 izda r-referenza li ried jaghmel hija ghall-Artikolu 2149(e) tal-Kap 12. F’din l-istess seduta il-Qorti ordnat li jigu annessi l-atti tal-ittra ufficcjali tat-18 ta’ Settembru 2003 fl-ismijiet **Kontrollur tad-Dwana vs Edmond Mugliette.** Din l-ittra ufficjali giet notifikata lir-rikorrenti fid-29 ta’ Marzu, 2006.

**<u>PROVI</u>**

**Ir-rikorrenti Edmond Mugliette** xehed nhar it-8 ta' Novembru 2006 u esebixxa kopja ta' l-ittra ufficcjali in kwistjoni li giet notifikata lilu fid-29 ta' Marzu 2006 u li giet immarkata bhala dok. EM1. Spjega li ghall-habta tas-sena 2000 xoghlu kien li jaghmilha ta' agent ghall-vapuri li kienu jdhlu Malta u kien ighatihom servizz. Ix-xoghol tieghu kien jinvolvi illi f'xi okkazzjonijiet kien ikollu juza s-servizzi ta' ufficcjali tad-Dwana. Is-servizz li kien jitlobhom kien servizz ta' sorveljanza u skond it-tariffi li kienu stabbiliti. Wara li jkunu tawh is-servizz, l-ufficcjal koncernat kien jibghatlu l-kont u huwa kien ihallsu immedjatament. Ir-rikorrenti jistqarr illi huwa ma kellux kontijiet pendenti mad-Dwana.

Ghall-habta tas-sena 2002 kienet cepmplitlu l-mara tieghu u infurmatu li kienu gew xi membri tar-*revenue security* u talbuh xi flus, xi haga 'l fuq minn mitejn lira maltin, illi kienu qed jallegaw li kellu ighati lid-Dwana. Qalulu li din is-somma flus kienet dovuta in konnessjoni ma xi servizz li kienu taw lil vapur MV SEHER II. Dak in-nhar il-membri tas-*security revenue* ma tawhx dettalji ta' x'hiex kienu dovuti dawn il-flejjes izda wara xi zmien skopra x'kienu u dan ghaliex mar id-Dwana u inghata l-istatement li huwa esebixxa bhala dok. EM2. Allega li dan il-kont ma kienx jirreferi ghal servizz li gie moghti lilu u ghalhekk kien kiteb lid-Dwana fil-15 ta' Mejju 2002 u esebixxa kopja ta' din l-ittra li giet markata bhala dok. EM3.

Spjega f'din l-ittra li kien baghat lid-dwana, li x-xoghol li nhatt minn fuq il-vapur MV SEHER II, ma kienx sar a karigu tieghu u fil-fatt sax-xahar ta' April 2003 ma sema xejn aktar min ghadhom. Wara r-*revenue corps* regghu marru jitolbuh ihallas dan l-istess ammont. Staqsa minn kien l-ufficcjal inkarigat, qalulu li kien certu John Camilleri u ghalhekk kitiblu ittra li kopja taghha huwa esebixxa u giet markata bhala dok. EM4. Ghal darb'ohra spjega li kien estraneju ghal dak li kienu qed jitolbuh u dan weghdu li kien ser jiehu hsieb il-materja hu stess. Dan Camilleri irrispondih fit-28 ta' Mejju 2003 u qallu li l-vapur kellu ikun DOGRIYOLLAR 5 u mhux MV SEHER II. Qal li huwa ghamel ricerka fil-files tieghu u sab li vera kien hatt xi

xoghol minn fuq dan il-vapur MV SEHER II izda li kien hallas ghalih ukoll. Huwa esebixxa l-ittra li kien ircieva minghand is-sur Camilleri ghan nom tal-Kontrollur tad-Dwana, esebixxa ukoll il-kont u r-ricevuta li kellu dwar ix-xoghol li nhatt minn fuq il-vapur DOGRIYOLLAR 5. Ghalih il-kwistjoni kienet spiccat sakemm ircieva l-ittra ufficjali f'Marzu 2006. Jghid ukoll li kien ghamel verifiki mad-Dwana u irrizultalu li meta l-vapur MV SEHER II kien dahal Malta kien dahal vojt minghajr tghabbija u ghalhekk ma kienx hemm bzonn ta' servizzi ta' Ufficcjali tad-Dwana. Talab lill-Kontrollur tad-Dwana ighatih kopja ta' dan il-manifest izda qallu li dan ma kienx possibli.

Illi nhar it-12 ta' Mejju 2007 xehed **Lawrence Cutajar** Ufficcjal tad-Dwana li stqarr li huwa ilu jokkupa din il-kariga sa mis-sena 2001. Ikkonferma li f'Settembru 2001 kien dahal Malta vapur bil-hsara bl-isem ta' DOGRIYOLLAR 5 liema vapur kien destinat originarjament ghal Tunez gej mit-Turkija. Qal li l-merkanzija li kien fuqu kellha tinhatt kollha u titpogga fix-*shed* taghhom – *shed* numru 1. Ikkonferma li x-xoghol li inhatt minn fuq dan il-vapur imbaghad kellu jitghabba fuq il-vapur MV SEHER II.
Spjega li damu zmien biex jaraw ta' min kienet din il-merkanzija izda wara rrizultalhom li kienet tar-rikorrenti. Huwa gie muri d-dokument esebit fl-atti datat 4 ta' Jannar 2002 u kkonferma li dak id-dokument jirreferi ghal meta l-merkanzija in kwistjoni tghabbiet ghal fuq il-vapur MV SEHER II. Ikkonferma ukoll li d-dokument l-iehor esebit fl-atti a fol.24 jirreferi ghal meta x-xoghol inhatt minn fuq il-vapur DOGRIYOLLAR 5. Ikkonferma li l-kont li jirreferi ghat-taghbija li saret ghal fuq il-vapur MV SEHER II ghadu pendenti sa illum.

Mistoqsi jikkummenta fuq id-dokument esebit a fol. 18 ix-xhud ighid li dak jirreferi ghal *loading* li kien sar fuq MV SEHER II u mhux ghal *unloading* ghaliex *unloading* minn fuq dan il-vapur qatt ma sar. Mistoqsi jispjega din id-divergenza x-xhud ighid li ma jistax izda jikkonferma li kien hemm zball fil-karti ghaliex huwa cert minn dak li qal u spjega aktar 'l fuq. Mistoqsi jghid ghal liema perjodu r-rikorrenti kien agent tal-vapur MV SEHER II ix-xhud ighid

li kien ghax-xahar ta' Settembru 2001. Mistoqsi jghid jekk jiftakarx x'merkanzija nhattet minn fuq il-vapur DOGRIYOLLAR 5 ix-xhud ighid li jiftakar il-kaz sew, li kien qed jixhed mill-memorja tieghu ghaliex kien ghex il-kaz u li jiftkar li kien hemm ngjotti tac-comb fil-merkanzija in kwistjoni.

Ikkunsidrat.

L-azzjoni intentata mir-rikorrenti hija fit-termini ta' l-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta.

Dan l-artikolu jaqra kif gej:

**466.**(1) Meta kap ta' dipartiment tal-Gvern jew iċ-*Chairman* tal-Korporazzjoni Enemalta jew rappreżentant tiegħu jrid jaġixxi għall-ħlas ta' kreditu li jkollu jieħu d-dipartiment li tiegħu huwa jkun il-kap, jew li jkollha tieħu xi amministrazzjoni ta' dak id-dipartiment, dwar kull servizz, provvista, kera jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut.

(2) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha listess effett daqslikieku kienet ġudikat tal-qorti kompetenti, kemm-il darba d-debitur, fi żmien għoxrin jum min-notifika li ssirlu ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jippreżenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bħala waħda infondata.

(3) Ir-rikors preżentat skond is-subartikolu (2) għandu jiġi notifikat lill-kap tad-dipartiment, li jkollu dritt jippreżenta risposta fi żmien għoxrin jum. Il-qorti tgħaddi biex tappunta dak ir-rikors għas-smiegħ f'jum li jiġi wara li jgħaddi dak iż-żmien.

(4) F'każijiet ta' xorta urġenti l-qorti tista', wara li jsirilha rikors mill-kreditur jew mid-debitur, tqassar kull

żmien perentorju bħalma huwa provdut f'dan l-artikolu bil-mezz ta' digriet li jiġi notifikat lill-parti l-oħra.

Inghad fis-sentenza fl-ismijiet **<u>It-Tabib Principali tal-Gvern vs Golden Shepherd Group Ltd</u>** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-11 ta' Jannar, 2006 illi qabel l-emendi tal-Att XXIV ta'l-1995 "*l-irkupru tal-flejjes dovuti lill-Gvern kien isir permezz ta' mandat ta' qbid. Lid-debitur ma kien koncess ebda opposizzjoni immedjata ghat-twaqqif ta' l-ezekuzzjoni tal-mandat jew ta' l-izbank tal-flejjes rikavati mill-irkant ta' l-oggetti prelevati. Hu seta biss jagixxi separatament kontra l-Kap tad-Dipartiment ghall-otteniment ta' dikjarazzjoni ta' l-aggravju li sofra u ghall-hlas tad-danni. Dan skond l-artikoli 466, 467 u 468 kif kienu dakinhar sakond il-Kapitolu 15* (recte: Kapitolu 12) *tal-Ligijiet ta' Malta*".

Tkompli telabora dik l-Onorabbli Qorti illi "*Mill-paragun bejn dawn iz-zewg stati tan-norma in diskussjoni, qabel u wara l-emendi, huwa indikattiv illi l-legislatur ried jintroduci permezz ta' l-emendi, innovazzjoni li tintitola lid-debitur jopponi ruhhu, b'mod dirett u immedjat, l-ezekuzzjoni forzata tal-pretensjoni kreditorja mill-Kap tad-Dipartiment. Dan billi jinghata l-opportunita fil-kontradittorju ta' dan ta' l-ahhar, li jiddimostra illi t-talba tal-Kap Dipartimentali kinet infondata. Fil-hsieb konsiderat ta' din il-Qorti, din l-infondatezza, o meno, ma kellhiex tigi determinata b'semplici digriet kamerali u minghajr approfondiment tal-meritu tal-vertenza izda fi procediment ad hoc ta' opposizzjoni ghall-att ezekuttiv*" u "*... din il-Qorti tahseb li l-intenzjoni tal-legislatur ghall-emenda introdotta kienet dik li toffri tutela adegwata lid-debitur bi procediment appozitu u mhux semplicement li l-opposizzjoni tieghu ghar-reklam ghall-hlas tigi paralizzata ex facie ir-rikors, u stronkata, appena twieldet, bi provvediment kamerali*".

Il-fatti kif jirrizultaw mill-atti tal-kawza huma s-segwenti:

1. Xoghol ir-rikorrenti ghall-habta tas-sena 2000 kien li jaghmilha ta' agent ta' vapuri li jidhlu Malta.

2. F'Settembru, 2001 dahal gewwa l-Port ta' Malta l-Vapur bl-isem ta' DOGRIYOLLAR 5. Dan il-vapur, suppost, kellu jmur direttament mit-Turkija ghal Tunez pero gara li dan l-istess vapur garrab il-hsara u ghalhekk kellu jidhol Malta.

3. Il-merkanzija ta' fuqu kellha tinhatt u fil-fatt tpoggiet gox-shed numru 1 tad-Dwana. Ir-rikorrenti jghid illi kien hu li hatt dan il-vapur, pero jghid li ta' dan is-servizz huwa hallas lid-Dwana (ara fol. 11 tal-process). Ir-rikorrenti jistqarr li l-kont li hallas kien ta' Lm151.78.

4. Din il-merkanzija tghabbiet ghal fuq il-vapur l-iehor MV SEHER II.

5. Lawrence Cutajar, l-ufficjal tad-Dwana, stqarr li din il-merkanizja (li inhattet) kienet tappartjeni lir-rikorrent odjern Edmond Mugliette.

6. L-invoice fl-ammont ta' Lm151.78 (esebita a fol. 24 tal-process) datata 27 ta' Marzu, 2002, skond ma xehed l-ufficjal tad-Dwana Lawrence Cutajar, thallset u dan anke skond ma jirrizulta mir-ricevuta fl-istess ammont u datata 15 ta' Mejju, 2002 (esebita a fol. 23 tal-process).

7. Lawrence Cutajar jghid illi l-invoice datat 27 ta' Marzu, 2002 (esebita a fol. 18 u 19 tal-process) fl-ammont ta' Lm285.58 ghada ma thallsietx sal-lum u kien ghalhekk li inbdew dawn il-proceduri. Ir-rikorrenti dwar dan il-punt jghid illi huwa dejjem hallas il-kontijiet li kellu ma tad-Dwana u li ma kellu xejn pendenti.

8. L-istess Lawrence Cutajar jghid illi fuq l-invoices kien hemm zball u dan fis-sens li ma kienx sar unloading fuq il-vapur MV SEHER II izda loading, u l-unloading sar min fuq il-vapur DOGRIYOLLAR 5. L-agent ta' l-MV SEHER II fil-perjodu koncernanti dan il-kaz kien ir-rikorrenti Edmond Mugliette.

9. Dan ix-xhud jghid ukoll illi huwa qieghed jixhed di memoria, l-ghaliex ghex il-kaz pero ma ivverifikax

mill-file tal-kaz de quo jekk effettivament il-kont odjern kienx thallas.

10. A fol. 22 tal-process jirrizulta li giet esebita mir-rikorrent stess invoice li tindika l-ammont ta' Lm258.52c

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Ir-rikorrenti jallega l-preskrizzjoni tad-domanda tal-Kontrollur tad-Dwana. Di fatti fir-rikors promotur tieghu jghid li l-azzjoni hija preskritta skond l-Artikolu 2148(e) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (sic!) u imbaghad fil-verbal tas-seduta tat-8 ta' Novembru, 2006 jghid illi ir-referenza kellha tkun ghal-artikolu 2149(e) tal-Kap. 12 (sic!!). Sussegwentement fil-verbal tas-seduta tal-21 ta' Mejju, 2007 ir-rikorrenti ssottometta illi dan id-debitu huwa preskritt bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 2156(f) tal-kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti dwar l-ewwel zewg artikoli tal-ligi citati u cioe l-artikolu 2148(e) u 2149(e) tal-Kap. 16 tistqarr illi dawn ma humiex applikabbli ghal kaz l-ghaliex fil-kaz ta' l-artikolu 2148(e) dan jitkellem dwar "*l-azzjonijiet tas-sensala, ghad-drittijiet tas-senserija*" mentri fir-rigward tal-artikolu 2149(e) dan jitkellem dwar "*l-azzjonijiet tal-Gvern ta' Malta, ghall-hlas ta' drittijiet gudizzjarji, dazji jew taxxi ohra*". Issa dwar dan l-ahhar artikolu, jidher car li l-Kontrollur tad-Dwana fl-ittra ufficjali tieghu datata 18 ta' Settembru, 2003 qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta' Lm285.58 bhala "*hlas tas-servizz t'attendenza t'ufficjali tad-Dwana moghti lilek f'Settembru, 2001*". Ghalhekk anke dan l-ahhar artikolu tal-ligi ma huwiex applikabbli.
Jibqa x'jigi deciz jekk hux applikabbli ghal kaz l-artikolu 2156(f) tal-kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jitkellem dwar "*l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa, skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku*". Skond id-dokumentazzjoni esebita jirrizulta illi s-servizz ta' attendenza t'ufficjali tad-Dwana inghata bejn l-20 ta' Settembru, 2001 u l-24 ta' Settembru,

2001. L-ittra ufficjali giet notifikata tat-18 ta’ Settembru, 2003 giet notifikata lir-rikorrenti fid-29 ta’ Marzu, 2006 u ghalhekk meta gie notifikat ir-rikorrenti b’din l-ittra ufficjali it-terminu preskrittiv ta’ hames snin ma lehaqx iddekkorra.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-ammont ta’ Lm258.52c ghadu ma thallasx u fil-fatt ma giet esebita l-ebda ricevuta li tindika li dan l-ammont thallas.

Tajjeb li jigu senjalati b’referenza ghad-dritt probatorju s-sentenzi citati mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Gaetana Mamo vs Therese sive Tessie Mercieca et** deciza fis-26 ta’ ottubru, 2005 fejn inghad illi “*in bazi ghad-dritt probatorju, kull parti ghandha f’kaz bhal dan id-dmir li taghti prova ta’ l-ezistenza tal-fatt allegat, favorevoli ghat-tezi taghha. L-oneru hu distribwit b’mod li l-attrici trid tipprova l-fatti kostituttivi tad-dritt azzjonat minnha (“actori incumbit probatio”) mentri l-konvenuti huma tenuti jipprovaw il-fatt minnhom allegat kostitwenti l-kontroprova offerta biex tikkuntrasta il-pretiza ta’ l-attrici (“reus in excipiendo fit actor”). Ara* ***Kollez. Vol. XLVI P I p 5****. Naturalment, il-piz probatorju tal-konvenuti jinsorgi konkretament fil-kaz biss li l-attrici tkun ressqet prova tal-fatti posti bhala bazi tad-domanda taghha. Dan ghaliex in-nuqqas jew insufficjenza tal-prova tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenuti biex tikkonfuta l-pretensjoni ta’ l-attrici ma jiddispensax lil din mill-oneru li tiddemostra adegwatament il-legittimita u l-fondatezza tal-meritu tat-talba taghha*”.

Inghad ukoll fis-sentenza **Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri** deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta’ Mejju, 1970 illi “*bhala konsiderazzjoni legali dwar in-natura ta’ l-oneru tal-provi in materja ta’ pagamenti ta’ debiti civili l-Qorti tirritjeni li, ghalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f’kaz ta’ dubju ragjonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le, dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa fuq l-attur mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza ghax hu*

*jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. U fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, cioe l-attur, l-esigibilita u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja ta' l-ewwel u jibqa dejjem jimpera l-principju "actore non probante, reus absolvitur". L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor "reus in exipiendo fit actor" ghax, jerga jinghad, l-oneru centrali ta' l-akkuza jibqa fuqu. Altrimenti f'kull kaz ta' kunflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa sospiza fi stat ta' dunju jekk hemmx debitu*".

Issa fil-kaz odjern, il-Kap tad-Dipartiment, u cioe l-Kontrollur tad-Dwana ghada sabiex juza l-procedura konsentita lilu mill-ligi sabiex jirreklama ammont ta' flus li huwa jghid li r-rikorrenti odjern kellhu jaghtih qua d-Dwana. Da parti tieghu r-rikorrenti qieghed jghid illi dan id-debitu ma jezistiex.

Inghad fis-sentenza hawn fuq citata **Mamo vs Mercieca et** illi "*la prova del pagamento e' a peso del convenuto che lo allega (Kollez. Vol. X pagna 826). Fi kliem iehor, in tema ghal dak li inghad fid-decizjoni aktar 'il fuq citata, il-konvenuti jenhtiegilhom qabel xejn jipprovaw, b'mod konvincenti u konkluziv, illi huma effettivament ghamlu l-hlas lura tas-somma reklamata. Jekk huma ma jirnexxilhomx jaghmlu din il-prova, l-effett estintiv ta' l-obbligazzjoni (artikolu 1145, Kodici Civili) ma jistax jirnexxi. Wisq ovvjament, din id-deficjenza tirrikadi fuqhom ghax fuqhom kien inkombenti l-oneru tal-prova tal-pagament*".

Fis-sentenzi riportati fil-Vol. **XLIII P II p.624** u fil-**Vol. XXXVII P I p. 525** inghad li "*l-pagament jista jigi pruvat bil-mezzi kollha amessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri bi provi diretti, bhal dokumenti, xhieda u l-konfessjoni tal-kreditur, kif ukoll bi provi indiretti, bhal ma huma l-presunzjonijiet u l-indizji kapaci li jikkonvincu lil gudikant*".

Fil-kawza fl-ismijiet **Desmond Mizzi noe vs Patrick Filleti pro et noe** deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fit-28 ta’ Jannar, 2000 iccitata mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza **Mamo vs Mercieca et** supra citata inghad li “*fit-tifsira suggerita mill-Qorti ta’ l-Appell dwar l-insenjament ta’ l-Onor. Imhallef Caruana Curran fis-sentenza* **Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri** *nirriskuntraw li ‘qari attent tieghu juri li hu aktar komplimentari ma’ dak il-principju (il-prova tal-pagament inkombenti fuq id-debitur) u jestendi in fatti l-oneru tal-prova fuq il-kreditur biss f’dawk il-kazijiet fejn id-debitur ikun effettivament issodisfa l-prova tal-pagament lil hinn mid-dubju ragjonevoli. Ifisser ghalhekk illi sakemm id-debitur konvenut ma jkunx issodisfa dik il-prova u allura ma jkunx adegwatament issostanzja l-eccezzjoni tieghu, l-attur kreditur ma kien jehtieglu jaghmel xejn biex jiggustifika t-talba tieghu. Jibqa allura salv il-principju illi f’ kaz ta’ dubju jimmilita favur l-attur kreditur. F’kaz ta’ dubju ragjonevoli jekk l-ammont kienx dovut, dik il-prova kienet tispetta lill-attur li kien mistenni li jaghmel dik il-prova qabel ma l-konvenut jipproduci l-provi tieghu in sostenn ta’ l-eccezzjoni tal-pagament. Ghalkemm iz-zewg proposizzjonijiet jidhru li huma z-zewg ucuh ta’ l-istess medalja, id-differenza sottili fl-impostament ta’ l-argoment tezisti* ”.

Jinghad mal-ewwel illi r-rikorrenti, ma irnexxilux jissodisfa l-vot tal-ligi u cioe li huwa irnexxielu jipprova li l-pagament riklamat mill-Kontrollur tad-Dwana ghamlu jew li dan ma jezistiex. Il-Qorti hija sodisfatta li dan id-debitu ghadu jezisti u dovut mir-rikorrenti. Il-Qorti tinnota ukoll illi l-Kontrollur tad-Dwana, jew ahjar l-addetti tieghu kienu xi ftit laxki meta irilaxxaw id-dokumentazzjoni taghhom kif effettivament jirrizulta mill-atti tal-kawza, imma wara d-debita spjega u senjatament ghal fatt illi l-istess addetti tal-Kontrollur ammettew li huma kienu ghamlu zball fuq l-invoices meta kitbu unloading u semmew il-Vapur MV SEHER II il-Qorti hija konvinta li dan id-debitu huwa dovut mir-rikorrenti.

GHALDAQSTANT din il-Qorti taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tichad ir-rikors tar-rikorrenti bl-ispejjez kollha

kontra tieghu u bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali u cioe mid-29 ta' Marzu, 2006.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------